MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 991/2005

**Paul u Jane konjugi Rapinett li jiggestixxu l-hanut "Engros Store"**

**vs**

**Charles Fenech**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u hamsin Liri Maltin (Lm750.00), rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal *appliances* ossija *white goods* mibjugha u kkonsenjati lill-istess konvenut, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-bejgh u l-konsenja sal-effettiv hlas kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher u milli jipprezenta Risposta.

Sema' x-xhieda tal-attur Paul Rapinett li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant peress li t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacament pruvati, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u hamsin Liri Maltin (Lm750.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------